MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 583/2003

**Anthony Mifsud**

**vs**

**Anthony Borg u martu Filippa sive Phyllis Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fil-21 ta' Novembru 2003 fejn talab lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attur is-somma ta' erbat elef mija wiehed u tletin lira u sebghin centezmu (Lm4,131.70c) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' laham lilu mibjugh u lilu kkonsenjat f'diversi okkazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru kawtelatorji pprezentati kontestwalment, u dawk tal-ittri bonarji datati 19 ta' Novembru 2001, 4 ta' Jannar 2002, 22 ta' Jannar 2002 u 29 ta' Novembru 2002, u bl-imghax kummercjali mis-7 ta' Dicembru 2000, li

hija d-data ta’ l-ahhar konsenja, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 ta’ Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi l-atturi jridu juru li l-konsenji tal-laham in effetti saru;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Jannar 2005 (fol 24) illi bih innominat lil Dr Ian Crockford bhala espert tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-attur wara li jiehu kunsiderazzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat illi din ir-relazzjoni giet ipprezentata fit-8 ta’ Gunju 2006 u mahlufa fid-9 ta’ Gunju 2006.

Ikkunsidrat:

Illi bil-verbal tat-12 ta’ Mejju 2004 (fol 17) l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni giet irtirata u ghalhekk il-Qorti mhix sejra tiehu konjizzjoni taghha.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu rrizulta illi l-attur huwa biccier u jrabbi l-bhejjem, ibiegh u jiddistribwixxi l-laham. Il-konvenut kien jixtri l-laham minghand l-attur bl-ingrossa u kien jerga’ jbieghu lil terzi. Il-konvenut kien ukoll jixtri l-laham minn bnadi ohra u kien ilu jixtri laham minghand l-attur ghal cirka ghaxar snin bejn il-1990 u t-2000.

Irrizulta illi bejn il-partijiet ma kienx hemm xi sistema adekwata ta’ konteggi, li setghet wasslet ghal din it-tilwima. Is-sistema li kienu jaddottaw bejniethom fil-fatt kienet tikkonsisti billi meta ssir konsenja ta’ laham il-konvenut kien jikteb fuq bicca karta maghrufa bhala polza t-tip tal-laham, l-ammont u l-prezz ta’ kull kilo. Il-konvenut jiffirma din il-polza u kien jaghtiha lill-attur malli jiehu x-xoghol. Meta l-konvenut kien ihallas kien jiehu lura dawn il-poloz, pero’ peress li kien ihallas b’cheque, mhux dejjem ghall- istess ammont ta’ polza partikolari kien jirrizulta certa tahwid u disgwid bejn il-partijiet dwar il-hlas li kien isir u ghal liema partita kienet qed tirreferi. Kien hawnhekk li t-tekniku ezamina l-poloz kollha, semgha x-xhieda tal-partijiet inkluz l-accountant tal-konvenut is-Sur William Ambrogio sakemm wasal ghal konkluzzjoni illi wara li ghamel l-aggustamenti mehtiega fil-kunteggi tal-konvenut u wara li naqqas il-pagament akkont imhallas mill-istess konvenut, illum l-ammont dovut minnu lill-attur huwa ta’ tlett elef erba’ mija u disghin lira  Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm3,490.62) (fol 40).

Iz-zewg partijiet f’din il-kawza rrimettu ruhhom ghal dan ir-rapport li huwa wiehed tekniku dettaljat u li l-Qorti ma tara l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddipartixxi minnu. Ghalhekk il-Qorti sejra tadotta l-konkluzzjonijiet raggunti mill-perit tekniku u l-argumenti minnu migjuba.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lill-konvenut illi jhallsu l-ammont ta’ tlett elef erba’ mija u disghin lira  Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm3490.62) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ laham lilu mibjugh u lilu konsenjat f’diversi okkazzjonijiet.

Bl-ispejjez illi ghandhom jithallsu kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attur u bl-interessi legali mid-data ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------